



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 27 ta' Lulju 2010 (30.07)
(OR. en)**

12643/10

FIN 341

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru prop. Cion:	8434/10 FIN 131 - COM(2010) 149 finali 8435/10 FIN 132 - COM(2010) 150 finali
Suġġett:	- Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2010 - Dikjarazzjoni ta' Dħul u Nfiq skont it-Taqsima - Taqsima III - il- Kummissjoni - Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il- mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà

I. INTRODUZZJONI

Fit-12 ta' April, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2010 dwar il-finanzjament tal-Miżuri ta' Akkumpanjament għall-Banana (MAB). Ammont ta' EUR 75 miljun ser jiġi allokati għall-MAB, li għandu jiġi ffinanzjat kif ġej:

- EUR 55.8 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn permezz ta' riallokazzjonijiet taħt l-intestatura 4;
- EUR 0.9 miljun mill-marġni tal-intestatura 4;
- EUR 18.3 miljun permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

L-impatt nett tal-ABE Nru 3/2010 huwa ta' EUR 19.2 f'appropriazzjonijiet ta' impenn.

II. EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI TAL-KUMITAT TAL-BAĠIT

Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 3/2010 fil-laqgħa tiegħu fit-12 ta' April, is-6 ta' Mejju u s-27 ta' Mejju 2010.

Wara d-diskussjonijiet, intlaħaq qbil b'maġġoranza kwalifikata dwar EUR 56.7 miljun għall-finanzjament tal-Miżuri ta' Akkumpanjament għall-Banana permezz tar-riallokazzjoni u mill-marġni tal-intestatura 4, akkumpanjat b'dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-finanzjament tal-bqija tal-EUR 18.3 miljun kif imniżżel fl-Anness II.

III. KONKLUŻJONI

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex:

- jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2010 kif imniżżel fil-punt II;
- idaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjoni mniżżla fl-Anness II;
- jagħti struzzjoni lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew;
- jippubblika l-pożizzjoni tal-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* kif imniżżla fl-Anness I.

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010

POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006², u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Billi:

- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 kien adottat definittivament fis-17 ta' Diċembru 2009³,
- fit-12 ta' April 2010, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2010,

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1, b'Corrigenda fil-ĠU L 25, 30.1.2003, p. 43 u fil-ĠU L 99, 14.4.2007, p. 18.

² ĠU L 390, 30.12.2006, p.1.

³ ĠU L 64, 12.3.2010.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 kienet adottata fit-13 ta' Settembru 2010.

It-test sħiġ jista' jiġi kkonsultat jew jitniżżel minn fuq il-websajt tal-Kunsill:

<http://www.consilium.europa.eu/>.

Magħmul fi Brussell, fit-13 ta' Settembru 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

Abbozz ta' dikjarazzjoni dwar l-ABE Nru 3/2010

"Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mill-iktar fis possibbli riallokazzjonijiet addizzjonali taħt l-intestatura 4 għall-finanzjament tal-bqija tal-EUR 18.3 miljun għall-Miżuri ta' Akkumpanjament għall-Banana."
